Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 442 / 2016

Il-Pulizja

Spettur Spiridione Zammit

Vs

Jesmond Cassar

Illum 28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jesmond Cassar detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 509274 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-3 ta' Settembru 2011 ghall-habta ta' 6.30 pm, u zminijiet qabel waqt li kien fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u f' dawn il-gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina u kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga

msemmija u meta ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292 / 1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Ukoll talli b' hekk sar recidiv b' diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33 A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Settembru, 2016, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22 (1) (a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 31, 33 A, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ikkundannatu ghall-**piena ta' seba' (7) xhur prigunerija effettiva**.

Il-Qorti ordnat lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti nominati fil-kors tal-inkjesta a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia is-somma ta' mija, erbgha u tmenin Euro u tmienja u tletin centezmu ( €

184.38 ) in konnessjoni mar-relazzjoni esebita mix-Xjenzat Godwin Sammut, is-somma ta' wiehed u erbghin Euro u wiehed u tletin centezmu ( € 41.31 ), in konnessjoni mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PS 122 Arthur Borg u s-somma ta' hamsa u ghoxrin Euro u erba' centezmi (€25.04) in konnessjoni mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PS 826 Matthew Parnis, liema spejjez jammontaw ghal total ta' mitejn u hamsin Euro u tlieta u sebghin centezmu ( € 250.73 ). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mil-lum, b' dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Ordnat d-distruzzjoni tal-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti fl-atti, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti irrilevat u gibdet l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi huwa ferm importanti illi l-hati jinghata l-ghajnuna kollha possibbli u l-kura necessarja sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga, inkluz billi jinghata l-opportunita` li jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni minn dan il-vizzju.

Ordnat illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jesmond Cassar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Ottubru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq indikata tat-30 ta' Settembru 2016 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tilliberah mill-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Jesmond Cassar huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt illi l-ammissjoni inghatat bi ingann stante illi l-prosekuzzjoni tat x' jifhem lill-appellant li s-sentenza se tkun mhux aktar minn erba xhur prigunerija. Minkejja l-appellant kien qed jikkontesta dawn l-akkuza, l-intenzjoni tieghu kienet biex jwaqqaf l-azzjonijiet kollha kriminali, jattendi kors ta' riabilitazzjoni ghal vizju ta' droga u jibda pagna gdida, Bil-kaz pendenti, dan l-ghan ma kienx se jsehh u l-priorita kienet ir-riabilitazzjoni tieghu. B' hekk hass li jekk jinghata sentenza ta' prigunerija ta' erba xhur ghal pussess semplici, seta' jissaportieha u jipprova jibda hajja gdida.

Illi huwa minnu li ma kienx sar patteggjament ma' l-Avukat Generali jew kien gie verbalizzat l-ftehiem bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza, izda l-fatt li ghamel dikjarazzjoni ta' ammissjoni taht dawn ic-cirkostanzi, jaghmel din id-dikjarazzjoni invalida skond il-ligi.

Illi l-appellant jixtieq jirreleva li huwa bniedem vulnerabbli u minhabba l-problema akkuta ta' droga u kien lest li jaghmel dikjarazzjoni mhux veritiera, dik ta' htija basta jinghata l-opportunita li jbiddel il-hajja tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi il-gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti jikkoncerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghall-akkuzi kollha li dwarhom l-appellanti gie misjub

hati u dan wara ammissjoni inkondizzjonata registrata minnu u dan fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2015. Jilmenta l-appellanti illi qabel ma l-Qorti ghaddiet ghas-sentenza kien hemm komunikazzjoni bejn l-prosekuzzjoni u id-difiza fejn sar qbil illi l-piena kellha tkun dik ta' erba' xhur prigunerija u mhux sebgha xhur kif fil-fatt giet inflitta fuqu mill-Ewwel Qorti. Jallega illi kien fid-dawl ta' dan il-qbil illi huwa ammetta l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu.

Illi minn ezami ta'l-atti ghandu johrog illi l-kaz kontra l-appellanti beda jinstema mill-Qorti fis-06 ta' Gunju 2013. Sentejn wara, imbaghad fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2015, l-appellanti irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu fejn l-Ewwel Qorti sahansitra wissiet lill-appellanti illi hija kienet marbuta bil-ligi li timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tieghu. Il-kawza imbaghad giet differita ghal smigh ta' provi dwar il-piena. Illi wara diversi differimenti, il-Qorti semghet ix-xhieda imressqa mill-appellanti, liema xhieda xehdu limitatament fir-rigward tal-piena li kellha tigi erogata mill-Ewwel Qorti. Fit-03 ta' Gunju 2016, imbaghad, il-qorti giet infurmata illi l-appellanti kien elegibbli li isegwi programm ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-dorga minn gewwa il-habs u dana wara li jigu decizi il-kawzi li kellu pendenti. Fis-seduta ta' wara il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza.

Minn imkien mill-atti allura ma jirrizulta illi kien sar xi forma ta' patteggjament bejn il-partijiet ghal dak li jirrigwarda piena u wisq anqas allura illi l-Ewwel Qorti kienet qed taderixxi ruhha ma' tali patteggjament. Issa dwar il-patteggjament quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali jitkellem l-artikolu 370(6) li jirrendi applikabbli ghal dik il-Qorti id-disposizzjonijiet tal-artikolu 392A li allura ifassal il-mod kif ghandu isir tali patteggjament fejn fis-subartikolu 5 tieghu jiddisponi hekk:

**"fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, l-imputat u l-Avukat Ġenerali jistgħu jilħqu ftehim u jitolbu lill-qorti permezz ta' rikors, sabiex fil-każ li l-imputat**

**jiddikjara ruħu ħati, il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali tapplika dik is-sanzjoni jew miżura jew, meta jkun hekk provdut bil-liġi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew miżuri, tax-xorta u l-kwanti tà miftehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun jista' jingħata sentenza meta jinsab ħati għar-reat jew ir-reati li jiġi akkużat bihom."**

Illi huwa bil-wisq evidenti illi din il-procedura bl-ebda mod ma giet segwieta bejn il-partijiet. Kwindi l-Ewwel Qorti ma kienet bl-ebda mod marbuta ma kwalsiasi ftehim li kien sar bejn l-prosekuzzjoni u id-difiza b'mod informali, jekk tali ftehim ingieb a konjizzjoni tal-Qorti, ghaliex mill-verbali ta'l-atti ma hemm xejn x'jindika illi kien sar dan. Illi fis-sub-artikolu 6 jinsab dispost illi:

**"l-qorti ma għandhiex, meta tagħti sentenza tagħha, tqis kull ftehim dwar is-sentenza li tkun ser tingħata li ma jkunx sar skont is-subartikolu (5)."**

Kwindi l-Ewwel Qorti fi kwalunkwe kaz kienet prekluza milli tiehu konjizzjoni ta' xi ftehim informali li allegatament sehh bejn il-partijiet. Illi dan is-sub-inciz tal-ligi gie mizjud permezz ta'l-Att VIII tal-2015 biex b'hekk il-prassi li kienet ezistenti fil-qrati inferjuri fejn ikun sar xi patteggjament informali mhux irregistrat kif mitlub fil-ligi, kellu jigi injorat mill-qorti meta tigi biex taghti d-decizjoni taghha. Dan x'aktarx sehh billi bl-introduzzjoni ta' din l-emenda fil-Kodici Kriminali l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati zdiedet konsiderevolment biex b'hekk issa l-procedura addottata hija simili ghal dik addotatat quddiem il-Qorti Kriminali.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk l-aggravvju ta'l-appellanti ma jisthoqqlux akkoljiment u qed jigi rigettat.

Illi fi kwalunkwe kaz din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv li jista' igieghla tvarja il-piena inflitta billi din kienet wahda gusta u li taqa' sewwa fil-parametri tal-ligi. Fuq kollox l-Ewwel Qorti tat mottivi dettaljati li wassluha sabiex timponi il-piena ta' sebgha xhur prigunerija fil-konfront tal-appellanti fosthom il-fedina penali tieghu kemmxejn refrattarja ta' mhux inqas minn disgha u ghxorin faccata li hija ikkulurita b'ghadd gmielu u varjat ta' reati li ivarjaw minn serq ghal pussess ta' droga u armi, hsara volontarja, sewqan perikoluz u minghajr licenzja fost ohrajn. Mhux biss izda qieset illi l-qrati taghna tul is-snin sahansitra ippruvaw jaghtu l-ghajnuna mehtiega lill-appellanti sabiex johrog mit-triq tal-kriminalita, izda dan ma gharafx juzufruwixxi ruhu minn tali ghajnuna. Qieset inoltre illi l-ammissjoni ma kenixt wahda li giet moghtija fi stadju bikri bil-maggior parti tal-provi lahhqu gew ikkumpilati. Finalment l-appellanti kellu jitqies bhala recidiv mhux biss fit-termini ta'l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali imma anke ta'l-artiklu 50 tieghu. Kwindi l-piena inflitta hija wahda gusta u li taqa' fil-parametri tal-ligi u l-appellanti ghajr ghal dak li intqal izjed 'il fuq ma iressaq l-ebda mottiv 'il ghala din il-Qorti ghandha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur